**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 13 ta’ Mejju 2002

Pulizija
Spettur Simon Galea
Spettur Dennis Theuma

Vs

Oliver Micallef.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Oliver Micallef, ta’ 40 sena, imwieled Mtarfa fis-26 ta’ Awissu 1961, bin Anthony u Carmen xebba Portelli, joqghod Flat 3, Block B, Triq il-Hawha, San Gwann u bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 554361 (M);

Talli fin-Naxxar fi Frar 1999 filghaxija ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ diversi oggetti ghad-dannu ta’ Mario Bezzina minn Naxxar, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-persuna, bil-lok u hin, bi ksur tal-artikoli 262(b), 268, 269 u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli f’dawn l-ahhar zminijiet f’dawn il-gzejjer xjentament ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat u cioe’ serq, u xjentament b’kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 639, 261, 262, 267, 268, 269, 270 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi x-xhieda ta' ko-akkuzati, jew almenu f'dan il-kaz ta' ko-perpettaturi fl-istess incident, ma' tistax tkun l-uniku prova kontra l-imputat. Il-Prosekuzzjoni ma' rnexxilix iggib provi ohra ajr, ix-xhieda ta' min fil-fatt ghamel din is-serqa allegatament ma' dan l-imputat.

Illi anke x-xhieda tal-proprjetarji tat-travetti, mhix bizzejjed, ghaliex huwa mpossibbli illi wiehed jaghraf sittin travetta li huma kollha mizbughin bil-kulur blu.

Stante in-natura tal-kaz u t-trivjalita' tal-kaz, u stante illi l-prosekuzzjoni ma' rnexxielix tipprova oltre kull dubbju ragonevoli, l-Qorti qeghda tillibera dan l-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

MAGISTRAT.